**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 17 t'Ottubru 2024**

**Rik. Gur.Nru.:160 /2020 JPG**

**Kawza nru.: 9**

**AB**

**Vs**

**PC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AB datat 5 ta' Ottubru 2020, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti kienet f'relazzjoni mal-konvenut, u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt ulied minuri, ZC li twieled f'X u BC li twieled f'Y (ara kopja tac-certifikati tat-twelied hawn annessa u mmarkata bhala Dok A u Dok B rispettivament);*
2. *Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxat minhabba li l-konvenut ghandu l-vizzju tad-drogi u kien fizikament u emozzjonalment vjolenti fil-konfront tal-esponenti fil-presenza tal-minuri;*
3. *Illi konsegwentment, l-esponenti fethet proceduri ta' medjazzjoni bit-tama li jintlehaq ftehiem dwar il-minuri; madankollu l-konvenut naqas milli jattendi u l-partijiet ma rnexxilhomx jilhqu ftehiem bonarju;*
4. *Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 4 ta' Awwissu 2020 (ara kopja tad-digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok. C);*
5. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet permessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tordna li l-konvenut jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur, ai termini ta' l-Artikolu/i 154 tal-Kodici Civili, u dan fl-interess suprem tal-minuri;*

2. *Tordna l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri ZC u BC ahwa C ghandha tigi fdata f'idejn l-esponenti;*

3. *Tawtorizza lill-esponenti tiehu d-decizjonijiet kollha rigward sahha, edukazzjoni, safar u hrug ta' passaporti tal-minuri ZC u BC ahwa C, minghajr il-kunsens tal-konvenut; u li taghti dawk il-provedimenti ohra xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri fl-ahjar interess taghha.*

4. *Tordna li l-minuri ZC u BC ahwa Cachia ghandhom jirrisjedu mal-esponenti; u li d-domicilju u residenza ordinarja tal-minuri ghandha tkun fejn tkun qed tirrisjedi l-esponenti;*

5. *Tordna li l-access tal-konvenut ghall-minuri jkun sospiz, jew li l-konvenut ikollu access taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg jew ta' persuni professjonali ohra; u dan wara li jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri, anke tramite assessments appoziti, tenut kont l-vizzju tad-drogi tal-konvenut u l-agir irresponsabbli tieghu: u taghti dawk il-provedimenti ohra xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri;*

6. *Tiffissa u tillikwida ammont agwedat ta' manteniment relatati mal-*minuri ZC u *BC ahwa C li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti ghall-imsemmija minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax (18) –il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jahdmu fuq bazi full-time, jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddecidu li jibqaw jistudjaw; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju jew pensjoni li jkun qed jipprecepixxi l-konvenut, u jigu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment*

*ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja u li l-esponenti tircievi kwalunkwe beneficcji tat-tfal, inkluz imma mhux limitatament, ic-children's allowance, fl-intier taghhom;*

7. *Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' sahha, hrug tal-passaporti u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikunu ghadhom qed jistudjaw, inkluz spejjez relatati ma' attivitajiet extra-kurikulari tal-minuri. Fin-nuqqas, tordna li dawn l-ispejjez kollha jkunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;*

8. *Tordna lill-konvenut ihallas l-arretrati ta' manteniment u/jew ta' spejjez kollha ohra relatati mal-minuri lill-esponenti; u dan skont il-modilitajiet u l-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Paul Joseph Cachia datata 17 ta' Frar 2021 a fol 18 li taqra hekk:

1. *Illi l-ewwel talba hija opposta stante li, ma jezistux l-estremitajiet ikkontemplati fil-ligi u mghalmin fil-gurisprudenza sabiex l-esponent jitlef is-setgha ta' genitur.*

2. *Illi t-tieni talba hija wkoll opposta stante li, fl-ewwel lok, m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri BC u ZC u fit-tieni lok, ma jezistux l-estremijiet ikkontemplati fil-ligi u mghalmin fil-gurisprudenza sabiex l-esponent jitlef il-kura u l-kustodja ta' uliedu.*

3. *Illi t-tielet talba hija opposta stante li l-missier dejjem kien prezenti fil-hajja ta' uliedu u m'ghandux ikun eskluz milli jippartecipa fil-hajja ta' uliedu. Fil-prezent, l-attrici diga de facto qatghet lill-esponent mill-hajja ta' uliedhom u dan peress li iddecidiet hekk arbitarjament u uniltateralment.*

4. *Illi r-raba' talba mhix opposta.*

5. *Illi l-hames talba hija opposta stante li l-esponent huwa persuna riformata u ghalhekk m'ghadx hemm lok li l-access ikun taht supervizjoni u wisq inqas li jkun sospiz, u dan kif ser ikun trattat waqt is-smiegh tal-kawza odjerna. Lanqas ma huwa fl-ahjar interess tal-minuri li dawn jinqatghu minn ma' missierhom, ma' min tant kellhom relazzjoni tajba, kemm mieghu kif ukoll mal-familja tieghu.*

6. *Illi l-esponent jaqbel li ghandu jithallas manteniment , b' dana illi l-entrojtu tieghu ghandu jittiehed in konsiderazzjoni.*

7. *Illi rigward is-seba' talba, l-esponent qieghed jopponi li huwa jhallas l-ispejjez kolllha tas-sahha, hrug ta' passaport u edukazzjoni, attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri u li dan ghandu jkun rifless fil-manteniment. L-esponent qatt ma kellu diffikulta' jhallas ghall-bzonnijiet ta'uliedu kif ser ikun trattat waqt is-smiegh ta' din il-kawza. Huwa pero' jaqbel li huwa ghandu jhallas sehemu mill-ispejjez straordinarji tas-sahha u ta' l-edukazzjoni tal-minuri uliedu.*

8. *Illi t-talba ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-proceduri qieghdin ikunu opposti.*

Illi rat li l-konvenut ipprevalixxa ruħu mid-dritt mogħti lilu *ai termini* tal-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Liġijie ta' Malta u ntavola kontro-talba (fol. 21) li taqra hekk:

1. *Billi l-intimat jixtieq jipprevalixxi ruhu mir-rikors mahluf ipprezentat kontra tieghu mir-rikorrenti u debitament notifikat lilu, sabiex jipprezenta l-odjerna kontro-talba.*

2. *Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u minn din ir-relazzjoni twieldu iż-żewġt itfal tagħhom ZC Cachia li twieled nhar is-26 ta' Frar tas-sena 2012 u BC li twieled nhar is-26 ta' Ottubru tas-sena 2013 u dan skont kif jirriżulta miċ-ċertifikati li huma annessi mar-rikors guramentat*

*tal-attriċi rikonvenzjonata.*

3. *Illi din ir-relazzjoni sfaxxat fix-xejn u kien hemm diversi argumenti bejn il-partijiet. Kien minhabba f'dawn il-problemi u l-inkwiet li kellu minħabba uliedu li r-rikonvenzjonant sfortunatament qabad it-triq il-ħażina u li ta dan ħallas id-dejn li kellu mas-soċjeta';*

4. *Illi l-esponent rikonvenzjonant kellu relazzjoni tajba ħafna ma' uliedu u kien jagħmel minn kollox sabiex iżommhom kuntenti u jara li ma jkunu nieqsa minn xejn. Tant hu hekk li anke meta l-esponent kien rikoverat ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, huwa kien baqa' jħallas il-manteniment ta' €250 fix-xahar billi ommu kienet tmur personalment tħallas lill-attriċi rikonvenzjonata. Dan ser ikun ippruvat waqt is-smiegħ ta' din il-kawża.*

5. *Illi l-attriċi rikonvenzjonata unilateralment iddeċiciet li twaqqaf il-kuntatt ta' bejn l-esponent u uliedu u dan billi meta huwa skonta s-sentenza ta' ħabs, hija infurmatu li lil uliedu ma kienx ser jarahom, u dan meta ftit ġranet biss qabel kienet wegħditu li meta joħroġ mill-ħabs, isiru arranġamenti sabiex l-esponent ikollu aċċess. L-esponent ħassha bi kbira li ma jarax lil uliedu u għalhekk, kien intavola rikors fejn talab jingħata aċċess għal uliedu.*

6. *Illi permezz ta' digriet datat 12 ta' Mejju 2020, din l-Onorabbli Qorti innominat l-Aġenzija Appoġġ sabiex tagħti r-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar kif u meta għandu jkun eżerċitat l-aċċess. Minkejja li l-Aġenzija in kwisjoni kienet ikkuntattjata, l-esponent baqa' ma sema' xejn bil-konsegwenza li huwa kien mifrud minn ma' uliedu.*

7. *Illi din il-firda riditha l-attriċi u tant hu hekk li hija ċaħdet lill-esponent u lin-nanniet paterni milli jkunu jafu li ibnu kien ser jagħmel il-preċett.*

8. *Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull provvediment ieħor li l-Qorti jidhrilha xieraq u opportuni fiċ-*

*ċirkostanzi, jogħġobha:*

1. *Tordna illi l-kura u kustodja tat-tifla ZC u Beppa tibqa' fdata konġuntivament bejn il-partijiet.*

2. *Tirregola l-aċċess tal-esponent għall-minuri ZC Cachia u BC fl-aħjar interess tal-istess minuri.*

3. *Tordna li l-Missier għandu jingħata preferenza fuq terzi persuni jekk l-Omm ma tkuns tista' żżomm lill-minuri magħha jekk toħroġ jew tkun ix-xogħol.*

4. *Tagħti provvdiment u aċċess lki jkun applikabbli b'mod speċifiku għall-ġranet partikolari segwenti:*
   i. *Jum il-Missier*
   ii. *Jum l-Omm*
   iii. *Lejliet il-Milied u l-Milied*
   iv. *Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena*
   v. *Jum l-Għid*
   vi. *Għeluq snin il-missier*
   vii. *Għeluq snin l-omm.*
   viii. *Għeluq snin iż-żewġ minuri*

*Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti illi hija inġunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' AB datata 3 ta' Marzu 2021 a fol 24 li taqra hekk:

5. *Fir-rigward ta' l-ewwel talba, l-esponenti toġġezzjoni li din tkun konġunta u dan peress li l-konvenut qatt ma wera interess f'ħajjet iż-żewġt ulied minuri u qata l-kuntatt minħabba minħabba l-vizzju tad-droga. Illi konsegwentment, l-attriċi rikonvenzjonata kellha tieħu ħsieb tagħmel l-arranġamenti kollha neċessarja biex tieħu ħsieb għal dak kollu li għandhom bżonn il-minuri, inkluż għajnuna terapewtika li ġiet irrakomandata mill-iskola u dan kif se jiġi ppruvat fil-mori tas-smiegħ tal-*

*kawża. In fatti, huwa kien attenda darba biss għas-seduta ta' medjazzjoni.*

6. *Għaldaqstant, l-attriċi rikonvenzjonata tikkontendi li hija għandha tiġi fdata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri u li tieħu d-deċiżjonijiet kollha relatati mal-minuri mingħajr il-kunsens tal-konvenut.*

7. *Taqbel limitatament mat-tieni talba tal-konvenut li jkollu aċċess mal-minuri. L-attriċi rikonvenzjonanti qatt ma kellha oġġezzjoni li l-konvenut ikun preżenti f'ħajjet il-minuri tant illi fil-passat kienet tikkopera miegħu sabiex jara u jqatta ftit ħin magħhom mandanakollu, minħabba l-aġir aggressiv u rresponsabbli tal-konvenut kemm fil-konfront tagħha, fil-konfront tal-familjari tiegħu u anke ta' uliedu, hija ġiet kostretta li twaqqaf dan il-kuntatt u tipproċedi b'dawn il-proċeduri u dan kif se jiġi ppruvat fil-mori tas-smiegħ tal-kawża;*

8. *In oltre, l-attriċi rikonvenzjonata giet infurmata li huwa kellu tarbija mal-partner tiegħu, li anke hi kellha l-vizzju tad-droga; u nfurmawha ukoll li huwa għadu jabbuża bid-drogi. Għaldaqstant, l-esponenti tikkontendi li l-aċċess għandu jkun taħt superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ, u f'każ li jirriżulta li m'huwiex fl-aħjar interess tal-minuri u ta' ġid għalihom, l-aċċess għandu jitwaqqaf ai termini tal-Artikolu 57(3); u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.*

9. *Toġġezzjona limitatament għat-tielet talba stante l-konvenut waqqaf il-kuntatt mal-minuri mis-sena l-oħra, inkluż it-telefonati; u tenut kont il-vizzju tad-droga tal-konvenut, l-aċċess għall-minuri għandu jkun wieħed taħt superviżjoni u dan kif se jiġi ppruvat fil-mori tas-smiegħ tal-kawża; Għalhekk, l-attriċi rikonvenzjonata topponi għal din it-talba, u li tikkontendi li l-minuri jistgħu jitħallew mal-familjari tagħha, jew terzi persuni oħra li huma responsabbli tagħhom infushom.*

10. *Taqbel limitatament mar-raba' talba stante li l-attriċi rikonvenzjonanti m'għandha l-ebda oġġezzjoni li l-konvenut jkun preżenti f'ħajjet il-minuri*

*f'każ li jkun ta' ġid tagħhom, madanakollu kif stipulat aktar 'l fuq, l-aċċess għandu jiġi regolat b'mod li jkun fl-aħjar interess tagħhom taħt superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ u/jew taħt dawk il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

11. *Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha, inkluż dawk relatati mal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 761/2019, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet intavolata mill-attriċi nhar il-15 ta' Lulju 2024;

Rat illi l-proċeduri odjerni tħallew għas-sentenza għallum 17 t'Ottubru 2024;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna**

Il-Qorti għandha quddiema kawża fejn l-attriċi qiegħda titlob li tiġi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-minuri ZC and BC aħwa C  u sabiex tirregola l-aspetti kollha relattivi għat-trobbija tal-istess ulied. Min-naħa l-oħra il-konvenut qiegħed jitlob illi l-kura u kustodja tibqa' waħda konġunta u li jkollu aċċess regolat b'mod rigoruż.

2. **Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:**

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mressqa Minnha:*

L-Attriċi xehdet permezz ta' affidavit, debitament maħluf nhar it-22 t'Ottubru 2021 (fol 249 et seq.). Hija xehdet li kienet iltaqgħet mal-konvenut fl-2010, kien jieħu xi drogi b'mod sporadiku iżda r-relazzjoni tagħhom kienet waħda pożittiva. Madanakollu kienet xhud ta'

inċident li fih il-konvenut kien kisser tazza ma' wiċċ ommu u kienet hi stess li ħarġitu 'l barra mill-kamra biex tikkalma s-sitwazzjoni.

Tgħid illi f'Ġunju 2011 kienet ħarġet tqila u kienu ferħu b'din l-aħbar għaliex ir-relazzjoni kienet waħda tajba. Madanakollu, kien inqala' argument bejniethom meta marru għall-ewwel *ultrasound* għaliex ma riedx li omm l-attriċi tmur magħhom. Kienu ħarġu flimkien wara l-appuntament biex jirranġaw iżda kien spiċċa jsawwatha fil-karozza tant li kienet infarġet u ċapset ir-ritratt tat-tarbija bid-demm. Waqt it-tqala, l-argumenti żdiedu għaliex kienet qaltlu biex iwaqqaf id-droga u kien spiċċa jsawwatha iżda dak iż-żmien ma uriet b'xejn lil ħadd.

Wara t-twelid tat-tarbija, kienu marru jirrisjedu flimkien f'appartament li kien jappartjeni lill-omm il-konvenut iżda kienu jargumentaw ta' spiss. Għalhekk fl-aħħar ta' Novembru 2012, l-attriċi kienet telqet lura għand ommha iżda l-konvenut kien jgħaddi għall-minuri u jqatta' ħin miegħu għand ommu.

Reġgħu bdew jiffrekwentaw lil xulxin iżda mhux jgħixu flimkien u kien hawn li l-attriċi reġgħet ħarġet tqila. Din id-darba kien damet ma qaltlu lill-konvenut minħabba li fil-frattempt ma kienux baqgħu flimkien. Tirrakonta li darba kellhom argument u l-konvenut tefa ċ-ċavetta tal-karozza tal-attriċi ġo għalqa tant li l-attriċi kellha taqbeż ħajt tas-sejjieħ għoli biex irnexxielha ġġib lura ċ-ċavetta.

Tgħid li qatt ma reġgħu lura flimkien imma kienu jifthemu sew fejn kienu jidħlu l-minuri uliedhom. Ftit tax-xhur wara t-twelid tat-tieni wild, il-konvenut kien ġie vizzjat bid-droga tant li anke l-minuri l-kbir kien jgħidilha li kien jagħmel ħin twil rieqed. Kienet isserraħ fuq ommu li dejjem qaltilha li jekk jiġri xi ħaġa kellha tinfurmaha. Tgħid illi ma kienx jgħinha finanzjarjament iżda xorta kienet tiffaċilita' l-aċċess.

L-attriċi tirrakonta li fil-Milied tas-sena 2016 kienet ħaditlu lit-tfal fir-residenza ta' ommu. Meta kienet marret għalihom, kienet talbitu par kalzetti għal minuri stess. Hu kien irrabja ferm m'ommu għaliex kienet damet ma bdiet tfittixhom miegħu. L-attriċi kienet ittentat tiddefendi lill-ommu u għalhekk kien aggrediha wkoll, taha daqqa ġo wiċċha u waqqalha n-nuċċali.

L-attriċi xehdet li l-konvenut kien weħel il-ħabs u wara li ħareġ, kien daħal programm ta'

riabilitazzjoni. Kienet teħodlu lit-tfal biex jarawh hemmhekk. Kien ħareġ qabel ma spiċċa l-programm għaliex skont hu, ir-residenti kienu qiegħdin jaqbdu ma' ħabiba tiegħu. L-attriċi baqgħet tiffaċilita' l-aċċess iżda bdiet tinduna li omm il-konvenut kienet qiegħda taħbilu u ma tgħidilhiex b'ċertu affarijiet inkluż li kellu problema tad-droga.

It-tifel il-kbir tal-partijiet qattgħa l-Milied tas-sena 2018 ma' missieru u wara li mar lura għand l-attriċi beda jirrakontalha ħafna affarijiet bħal li missieru kellu *cameras* ma' kullimkien, li kien ipejjep minn flixkun, li missieru kien il-ħabs, li kien raqad ma' tifla oħra fuq is-sufan filwaqt li missieru raqad ma' mara oħra. Minkejja dan, il-wild il-kbir xorta baqa' juri x-xewqa li jara lill-missieru.

Fis-sena 2019, il-konvenut kien ammetta l-akkużi migjuba kontrih fuq traffikar ta' droga u weħel sentenza ta' ħabs effettiva. Huwa kien jinsisti magħha biex tieħu lill-minuri jarawh iżda hi ma ridetx tressaqhom f'dak l-ambjent. Kienet offritlu li jkellimhom billi jċempel iżda hu rari kien iċemplilhom. Il-konvenut kien anke ġie eskortat mill-ħabs biex jattendi l-praċett ta' ibnu l-kbir iżda ma kienx dam wisq u l-minuri kien għamel f'qalbu. Wara ftit li ħareġ mill-ħabs, kien ġie rikoverat l-isptar u sħabu kienu qalu lill-attriċi li kien sofra *overdose*. L-intimat kien għamel talba lil Qorti sabiex jibda jara lill-minuri u l-Qorti kienet innominat lill-Aġenzija Appoġġ sabiex tagħmel assessjar liema assessjar ma sehhx **għaliex l-intimat qatt ma għamel kuntatt magħhom**.

Meta iben il-partijiet iż-żgħir għamel il-praċett, il-konvenut lanqas biss ikkomunika mal-attriċi. L-aħħar li kienet ratu kien f'Settembur 2021 meta dehru l-Qorti.

L-attriċi ttenni illi l-intimat qatt ma kkontribwixxa jew ra kif se jgħin fit-trobbija tal-ulied anzi ħalla kollox f'idejha tant li kellha ddur fuq membri tal-familja tagħha biex jassistuha sakemm hi tkun ix-xogħol. L-għalliema tal-iben il-kbir kelmuha fuq imġieba li qed jeżebixxa t-tifel il-kbir tal-partijiet. Kienet issuġġeriet lill-intimat imorru kors għal ġenitur iżda ma kienx ikkopera u lanqas mar għal dawn is-sessjonijiet. Tgħid li t-talba tagħha għal kura u kustodja nibtet mill-bżonn li tieħu deċiżjonijiet important waħedha, m'għandhiex oġġezzjoni li l-konvenut ikollu informazzjoni fuq uliedu diment li jkun fi stat tajjeb u mhux taħt l-influwenza tad-droga. Bl-istess mod l-aċċess tixtieq li jibqa' sospiż sakemm jattendi terapija sabiex jevita li jerġa' jkisser lill-uliedu.

Bħala manteniment, l-attriċi tikkonferma li kienet għamlet talba lil din il-Qorti sabiex jiġi ffissat manteniment għal ulied u dan ġie ffissat fl-ammont ta' mitejn u ħamsin euro (€250) għaż-żewġt ulied. Meta kien il-ħabs, il-missier kien jibgħat lill-ommu tħallas dan l-manteniment iżda wara li ħareġ waqaf jikkontribwixxi. Tgħid li għadha tgħix mal-ġenituri tagħha iżda tixtieq li tkun tista' tiġi finanzjarjament fuq saqajha biex tibda tgħix ma' uliedha separatament. Tixtieq li l-intimat iħallas l-arretrati tal-manteniment u li l-ammont tal-manteniment jiżdied kemm-il darba l-konvenut jkollu introjtu.

Sabiex tikkorrobora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

1. *Ix-xhieda ta' RPC 3018 Ismenea Fenech in rappreżentanza tal- Kummissarju tal-Pulizija* li ngħatat waqt is-seduta tas-7 t'Ottubru 2021 (fol. 36A, 242) liema xhud eżebixxiet kopja tal-fedina penali tal-partijiet, kopja tar-rapporti kollha li saru fil-konfront tal-konvenut kif ukoll proċeduri kriminali pendenti kontra l-konvenut. Fir-rigward tal-fedina penali (fol 209 et seq.), din il-Qorti tinnota li filqaqt li dik ta' AB hija waħda nadifa, dik tal-konvenut PC turi li fi snin diversi, kien ġie misjub ħati li kien ikkommetta reat diversi u ċjoe:
   a. **Fl-2010 instab ħati li kien għamel dikjarazzjoni falza u weħel taħt Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta;**
   b. **Fl-2012 instab ħati li kien insulta persuna li kienet inkarigatha mis-servizz pubbliku, kiser il-buon ordni u rrifjuta li jagħti jew ta dettalji foloz;**
   c. **Fl-2014 instab ħati li ma obdiex l-ordinijiet ta' uffiċjali pubbliċi u li kien hedded jew insulta membri tal-Pulizija;**
   d. **Fl-2014 instab ħati li kien ikkometta serq ta' flus permezz ta' *credit cards* minn diversi ATMs;**
   e. **Fl-2015 instab ħati li kien fixkel membru tal-pulizija waqt li kien qed jagħmel dmiru u kiser il-buon ordni;**
   f. **Fl-2016 instab ħati li kien għamel użu minn diska tal-liċenza maħruġ għal vettura differenti u li kien saq vettura mingħajr ma kellha liċenzja valida;**
   g. **Fl-2016 instab ħati li kien ħallas b'ċekk meta kien jaf li ma kienx hemm fondi fil-kont bankarju;**
   h. **Fl-2016 instab ħati li kien ħebb u kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq missieru PC u għamel ħsara fuq in-nuċċali ta' missieru u dak ta' ommu;**
   i. **Fl-2017 instab ħati li kien ħebb u insulenta jew hedded lil zitu AC,**

j. **Fl-2017 instab ħati li kien insulenta jew hedded u ħebb u kkawża lil AB ġrieħi ta' natura ħafifa. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet ħarġet Ordni ta' Protezzjoni għas-sigurta ta' AB għal tlett (3) snin;**

k. **Fl-2017 kien reġa' nstab ħati li kien ħebb għal AB u kien kkaġunalha ġrieħi ta' natura ħafifa. Hu kien instab li kien reċidiv.**

l. **Fl-2019 kien instab ħati li pproduċa, biegħ u ttraffika r-raża mehuda mill-pjanta cannabis u li forna jew ipprokura jew offra d-droga kokaina, li kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina; li kien reċidiv u li kien wettaq reat waqt li kien taħt żewġ ordnijiet ta' *probation;***

m. **Fl-2019 kien ġiet akkordat sentenza ta' ħabs effettivi fuq denunzja tal-*probation officer;***

Proċeduri penali pendenti fil-konfront tal-konvenut jikkonsistu fis-segwenti:

a. **Kumpilazzjoni li bdiet fl-14 ta' Mejju 2021 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn il-konvenut tressaq taħt arrest u ġie akkużat illi għamel użu minn ismijiet foloz jew inganna lil ħaddieħor, għamel falsifikazzjoni ta' skrittura kummerċjali u xjentament għamel użu minn skrittura falza, għamel qligħ minn dan l-użu falz għad-dannu ta' ħaddieħor; kif ukoll li xjentament laqgħa għandu ktieb taċ-ċekkijiet li kien misruq (fol 215);**

b. **Proċeduri penali wara li kiser il-buon ordni, ħebb għal persuna oħra, inġurja jew hedded lill-istess persuna u kkometta reat filperjodu operattiv ta' ordni ta' projbizzjoni u li kien reċidiv (fol 217);**

c. **Proċeduri penali li kien naqas milli jħallas manteniment għax-xhur ta' April, Mejju u Ġunju 2020 (fol. 221);**

d. **Proċeduri penali li kien naqas milli jħallas manteniment għax-xhur ta' Lulju, Awwissu, Settembru 2020 (fol. 224);**

e. **Proċeduri penali li kien naqas milli jħallas manteniment għax-xhur ta' Ottubru, Novembru, Diċembru 2020 u Jannar 2021 (fol. 227);**

f. **Proċeduri penali li kien naqas milli jħallas manteniment għax-xhur ta' Frar 2021 u Marzu 2021 (fol. 230);**

g. **Proċeduri penali li kien naqas milli jħallas manteniment għax-xhur ta' April, Mejju, u Ġunju 2021 (fol. 233);**

h. **Imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu talli hedded u kellem lil Lucia Camilleri b'mod oxen fil-pubbliku (fol. 234);**

i. **Imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu talli hedded lil Edwina Brincat u tkellem b'mod oxxen fil-pubbliku (fol. 235);**
j. **Imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu talli tkellem b'mod oxxen fil-pubbliku fil-konfront ta' Emanuel Psaila u kiser il-paċi pubbliku (fol. 236);**
k. **Imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu talli tkellem b'mod oxxen fil-pubbliku fil-konfront ta' zewġ membri tal-Korp tal-Pulizija u kiser il-paċi pubbliku u rrifjuta li jagħti jew ta dettalji foloz lill-istess uffiċjali pubbliċi (fol. 237);**

**Erba' u sittin Rapporti tal-Pulizija ġew ippreżentati mix-xhud Ismenea Fenech li jindikaw l-aġir persistenti tal-intimat ta' sfida lejn l-Awtoritajiet b'mod specjali lill-Pulizija u jindika għemil aggressive persistenti tal-intimat anki lejn il-ġenituri u l-familjari tiegħu apparti dak versu l-attrici:**[1]

---

a. [1] **Rapport datat 28 ta' Jannar 2017** (fol. 36) magħmul b'mod anonimu sabiex il-Pulizija jassistu xufier tal-Trasport Pubbliku li kien pie aggredit. Meta l-Pulizija aċċedew fuq il-post, ġew infurmati mix-xufier illi l-konvenut kien ġibdu minn spaltu u aggredih;
b. **Rapport datat 27 ta' Lulju 2016** (fol. 39) magħmul minn terz, David Balzan, kontra l-konvenut li kien irrifjuta li jtih iċ-ċwievet tal-vann tax-xogħol li kien jappartjeni lil Balzan wara li kellu nuqqas ta' qbil minħabba li l-konvenut kien ħabat bil-vann iżda kien qed jirrifjuta li jħallas l-ammont dovut għal *claim;*
c. **Rapport datat 6 ta' Diċembru 2020** (fol. 42) magħmul minn PC 953 wara li kienu nstabu siringi b'likwidu kannella taħt is-sodda tas-sieħba tal-konvenut waqt li kienet rikoverata l-isptar wara t-twelid ta' tarbija;
d. **Rapport datat 15 ta' Diċembru 2012** (fol. 45) fejn il-konvenut qiegħed imniżżel bħala xhud ta' argument u ġlieda li ġrat ġewwa San Ġiljan;
e. **Rapport datat 29 ta' Novembru 2015** (fol. 52) magħmul minn Angolina Cachia ossia omm il-konvenut fejn qalet li binha kien qed jaqla' l-ġlied mar-raġel tagħha fir-residenza tagħhom. Meta l-Pulizija kelmu lil missier il-konvenut huwa stqarr li Paul Joseph Cachia kien talab il-flus lil ommu u hu kien irrispondih u f'dak il-punt ibnu kien ħebb għalih. Meta l-konvenut ġie mitkellem hu stqarr li kien talab lill-ommu l-flus li kien sellifha u missier kien qalilha biex ma ttih xejn. Hu kien fetaħ idejh u missieru kien fehmha li kien ser jaggredih. Ommu kienet daħlet bejniethom u b'hekk kien laqat in-nuċċali;
f. **Rapport datat 14 ta' Settembru 2017** (fol. 56) magħmul b'mod anonimu biex jiġi rapportat televixin li kien qed jaqbad f'residenza. Meta l-Pulizija aċċedew, Paul Joseph Cachia għinhom jinspezzjonaw ir-residenza;
g. **Rapport datat 14 ta' Ottubru 2020** (fol. 59) magħmul minn Pulizija li kien qed jagħmel ir-ronda ġewwa ir-Rabat. Huwa kien lemaħ il-vettura tal-konvenut ipparkjata fuq kaxxa riżervatha għal-ħatt. Huwa kien innota wkoll li l-liċenzja kienet skaduta. Il-Pulizija qal lil Paul Joseph Cachia li ma setgħax isuq il-vettura li kienu ser jirmunkawha l-Pulizija iżda l-konvenut beda miexi lejn il-vettura u daħal fin-naħa tax-xufier. Pulizija li kienet qed tassisti talbet iċ-ċavetta lill-konvenut iżda dan rrifjuta u telaq minn fuq il-post;
h. **Rapport datat 29 ta' Settembru 2015** (fol. 61) magħmul minn terza persuna, Angela Marie Attard fejn irrapurtat illi kienet sabet il-karta ta' kreditu tagħha nieqsa u kienet irċeviet messaġġ mill-Bank fis-1.30am li kien sar ġbid ta' flus minn ATM. Hija ssuspetat f'zijuha ossia Paul Joseph Cachia li kien jirrisjedi fl-istess dar. Meta ġie mitkellem mill-Pulizija, il-konvenut stqarr li setgħa kien ħadha bi żball;
i. **Rapport datat 28 ta' Settembru 2016** (fol. 65) magħmul minn PC ossia missier il-konvenut u Anna Cachia ossia z-zija tal-konvenut fejn stqarru li kien inqala' argument id-dar ma' Paul Joseph Cachia u dan kien ħebb għal zitu. Meta missieru ntervjena bejniethom, beda jagħti lilu fuq daru;
j. **Rapport datat 20 t'Ottubru 2015** (fol. 68) magħmul minn terzi persuni, Zayne Attard u Maria Attard fejn din tal-aħħar stqarret illi kienet għand in-nanna tagħha meta zijuha ossia Paul Joseph Cachia kien beda jsawwat lil ommha, meta hi

pruvat iżommu, hu qabadha minn għonqha u b'hekk weġġagħa. Kien missierha li żammu. Meta l-Pulizija tkelmu mal-konvenut huwa stqarr li kien rieqed u oħtu daħlet tgħajjat miegħu fuq l-van, kienet proprju oħtu li ħebet għalih u n-neputija qabżet fuqu;

k. **Rapport datat 3 t'Ottubru 2016** (fol. 73) magħmul minn AC ossia z-zija tal-konvenut fejn irraportat li kienet sabet il-basket tagħha miftuħ u meta kienet qed tgħid lil ħuha b'dan, in-neputi tagħha ossia Paul Joseph Cachia kien mar minn warajha, qabadha minn xagharha u beda jtiha fuq wiċċha. Din il-verżjoni kkonfermaha missier il-konvenut;

l. **Rapport datat 6 t'Ottubru 2016** (fol. 76) magħmul minn AB ossia l-attriċi, fejn irrapurtat illi kienet marret tiġbor lill-uliedha mingħand missirhom u kienet talbitu par kalzetti. Hawn missierhom beda jsawwatha quddiemhom stess filwaqt li beda joffendi lill-membri tal-familja tagħha u jheddidha. Il-konvenut ammetta li kien beżaq lill-attriċi iżda nnega li kien ħebb għaliha;

m. **Rapport datat 19 ta' Lulju 2020** (fol. 80) magħmul minn terza persuna u ċjoe Khalid Tonna fejn irraporta li kien biegħ vettura lil Paul Joseph Cachia għal prezz miftiehem ta' elf euro (€1000). L-intimat kien ħallas biss tlett mija u ħamsin euro (€350). Wara ħafna tentattivi l-intimat kien ħadlu vettura oħra bħala garanzija li kien ser iħalsu. Wara dan, l-intimat Cachia beda jirrikattah li kien seraqlu vettura. Meta ġie mitkellem mill-Pulizija, Cachia obbliga ruħu li kien ser iġib il-bqija tal-flus u hekk ġara ftit tal-jiem wara;

n. **Rapport datat 22 ta' Mejju 2016** (fol. 84) magħmul minn omm il-konvenut fejn staqsiet jekk kinx minnu li l-konvenut kellu bżonn il-flus għal Qorti stante li kien mar jittallab għandha għal flus. Meta l-pulizija marru biex ikellmu lill-konvenut id-dar minħabba li dan għandu ordni tal-Qorti biex jkun fir-residenza tiegħu bejn il-11pm u s-6am, dan la fetaħ u lanqas wieġeb t-telefonati tal-Pulizija;

o. **Rapport datat 27 ta' Ġunju 2013** (fol 86) magħmul minn terza persuna u ċjoe Nazareno Borg, fl-irwol tiegħu ta' President tal-Klabb Nazzjonalista ta' San Pawl il-Baħar sabiex jirraporta li l-konvenut kien insulentah u heddu meta dan infurmah li l-Klabb kien qiegħed jitterminalu l-impjieg tiegħu ta' *barman.* Dan ir-rapport kien ġie rtirat mill-kwerelant innifsu;

p. **Rapport datat 8 ta' Lulju 2020** (fol 90) magħmul mill-attriċi Ann Marie Bottari fejn irrapurtat li l-konvenut kien naqas milli jħallas il-manteniment kif hekk ordnat lilu permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fix-xhur ta' qabel u dan minħabba li kien il-ħabs u ħareġ f'dak iż-żmien;

q. **Rapport datat 11 ta' Lulju 2015** (fol. 93) magħmul minn terza persuna u ċjoe Edwina Brincat fejn irrapurtat li hi tiġi z-zija ta' Paul Joseph Cachia u li kienet iltaqgħet miegħu fil-garazzijiet li jiffurmaw parti mir-residenza tagħhom fejn hu kien insulenta u heddidha li juża' l-vjolenza kontriha;

r. **Rapport datat 26 ta' Marzu 2015** (fol. 96) magħmul minn membru tal-pulizija kontra l-konvenut fejn irraporta li kien qed jidderiġi t-traffiku għax kien hemm triq magħluqa u kien ta ordni lill-konvenut biex jinżel l-isfel u jdawwar. Il-konvenut kien oġġezzjona iżda aktar tard mar l-għassa jgħajjat mal-istess membru tal-Pulizija u jirrifjuta li jobdi l-ordnijiet mogħtija lilu;

s. **Rapport datat 5 t'April 2016** (fol. 98) magħmul minn PC ossia missier il-konvenut, fejn irraporta li kien talab għall-assistenza tal-Pulizija wara li ibnu l-konvenut kien ħebb għalih u kkaġunalu ġrieħi. Meta kienu hemm il-Pulizija, il-konvenut staħba u ma sabuhx iżda meta reġgħu rritornaw fil-fond semgħu l-għajjat minn barra. Ġew infurmati li l-ġenituri kienu keċċew lil binhom mid-dar minħabba l-inċidenti li kienu ta sikwit qed jinqalgħu. Anke z-zija tal-konvenut xehed li kien aggrediha n-neputi tagħha;

t. **Rapport datat 12 ta' Diċembru 2016** (fol. 103) magħmul minn terza persuna li taħdem ma' omm il-konvenut. Il-konvenut kien mar fuq il-post tax-xogħol ta' ommu jistaqsiha għal flus u meta baqgħet tistaqsih kemm u għalxiex kellu bżonnhom, il-kwerelanta kienet intervjeniet u qalet lill-konvenut biex dawn l-affarijiet iħallihom għad-dar. Meta semgħa hekk il-konvenut beda jitkellem oxxen, jinsulentaha u anke heddidha;

u. **Rapport datat 17 ta' Settembru 2020** (fol. 108) magħmul minn terza persuna fil-kariga tiegħu ta' diriġenti ta' lukanda fejn irraporta li l-konvenut kien alloġja fil-lukanda li jiġġestixxi, tella' kont iżda ma kienx ħallsu;

v. **Rapport datat 10 ta' Mejju 2016** (fol. 110) magħmul minn terza persuna li hija s-sid ta' ħanut tal-ikel fejn irraportat li l-ħanut tagħha kien ġie misruq mal-lejl peress li kien hemm it-tieqa ta' quddiem maqlugħa u mpoġġija fl-art. Minn filmat tas-CCTV tal-ġara, l-impjegati kollha identifikaw lil minn daħal jisraq bħala li kien il-konvenut;

w. **Rapport datat 2 ta' Jannar 2014** (fol. 114) magħmul minn terza persuna li kienet innutat diversi transazzjonijiet permezz tal-karta tal-kreditu tagħha;

x. **Rapport datat 3 ta' Mejju 2010** (fol. 118) magħmul minn terza persuna fejn il-konvenut kien xhud ta' argument li

nqala' bejn żewġ ġirien;

y. **Rapport datat 10 ta' Mejju 2020** (fol 122) magħmul minn membru tal-Korp tal-Pulizija fejn irraporta li l-konvenut kien ġie rikoverat ġewwa l-Isptar minħabba dak li kien issuspettat bħala *overdose* iżda meta tkelmu mat-tobba kuranti, il-Pulizija ġew infurmati li kien livell għoli ħafna u b'hekk perikoluż taz-zokkor;

z. **Rapport datat 20 ta' Diċembru 2016** (fol. 124) magħmul minn PC ossia missier il-konvenut fejn irraporta li kellu argument mal-konvenut ibnu fuq ħsara li kien ikkaġuna fuq vettura liema argument kien wassal għal vjolenza;

aa. **Rapport datat 26 ta' Settembru 2021** (fol. 128) magħmul minn membru tal-Korp tal-Pulizija kontra l-konvenut fejn stqarr illi kien waqqaf lill-konvenut għaliex kien qiegħed juża' l-mowbajl waqt li kien qed isuq u ma kienx liebes ċintorin tas-sigurta'. Il-konvenut ħadu bil-erra u saq tant li l-Pulizija darbtejn kellu jsuq warajh u jwaqqfu. Biex jaħrab il-konvenut kien baqa' ħiereġ isuq b'veloċita ma' *roundabout* tant li kien ta' periklu għal ħaddieħor. Meta rnexxielu jwaqfu u talbu n-numru tal-karta tal-identita' rriżulta li l-liċenzja tax-xufier kienet miżmuma mill-Qorti. Miegħu kien hemm ommu fejn meta l-Pulizija kellimha, hija qaltlu li ma kinetx libsa ċinturin minħabba li kienet għadha kemm għamlet operazzjoni. Hi qaltlu li setgħet issuq il-vettura lura hi iżda wara li vverifika, il-Pulizija sab li anke l-liċenzja tagħha kienet revokata;

bb. **Rapport datat 25 ta' Diċembru 2016** (fol. 131) magħmul mill-attriċi Ann Marie Bottari fejn irraportat li kienet ħadet lill-uliedha għand missierhom u marret tiġborhom għal ħabta tad-9pm. Dak il-ħin missier it-tfal staqsiha jekk kinux kielu qabel marru għandu u għax m'oġbux dak li weġbitu kien taha daqqa ta' ħarta u tgħajrilha n-nuċċali. Meta ġie mitkellem mill-Pulizija, il-konvenut ċaħad li kien refgħa jdejh;

cc. **Rapport datat 25 ta' Frar 2014** (fol. 135) magħmul minn membru tal-Korp tal-Pulizija kontra l-konvenut li kienu waqfu lill-partijiet waqt *roadblock* minħabba li l-attriċi kienet qed tuża' l-mowbajl waqt li kienet qed issuq. Minħabba li kienu se joħorġu ċitazzjoni, il-konvenut beda jgħajjarhom u jinsulentahom u jitkellem b'mod dispreġjattiv. Minkejja li kemm il-Pulizija kif ukoll l-attriċi stess bdew iwiddbu u jgħidulu biex jieqaf, hu baqa' sejjer bl-istess atteġjament;

dd. **Rapport datat 7 ta' Awwissu 2011** (fol. 137) magħmul mill-konvenut innifsu fejn irraporta li waqt li kien qed isuq fuq xogħol, persuna ta' karnaġġjon skur kien għadda triq b'mod illegali u kien laqatlu l-vann u kkawżalu ħsara;

ee. **Rapport datat 3 ta' Frar 2017** (fol. 140) magħmul minn terza persuna kontra l-konvenut wara li kien ostakola t-triq bil-vettura tiegħu sabiex jinżel jixtri. Peress li ma setgħetx tgħaddi, bdiet iddoqq il-ħorn fejn wara ftit ħareġ il-konvenut u heddidha li jekk terġa' ddoqq kien se jtiha xebgħa. Hu kien daħal lura fil-ħanut u ħalliha komda;

ff. **Rapport datat l-1 ta' Novembru 2014** (fol. 144) magħmul minn PC ossia missier il-konvenut u Angelina Cachia ossia omm il-konvenut fejn irraportaw li kien inqala' argument ma' binhom il-konvenut u wara li kien beda jinsulentahom, għamel għalihom. Omm il-konvenut intervjeniet bejn żewġha u binha fejn binha spiċċa qabadha minn għonqha. Huma ppruvaw jitilqu 'l barra iżda l-konvenut niżel warajhom fil-garaxx u aggredixxa lill-misseru b'biċċa plastic;

gg. **Rapport datat 24 ta' Diċembru 2015** (fol. 148) magħmul minn terza persuna kontra l-konvenut fejn irraporta li kien wassal xirja tal-ikel fir-residenza tal-konvenut u kien ingħata ċekk mill-kont tal-ġenituri tiegħu. Madanakollu ċ-ċekk ma ssarrafx minħabba li l-kont kien ingħalaq;

hh. **Rapport datat 18 ta' Frar 2021** (fol. 151) magħmul mill-attriċi fejn irraportat li kien insterraq televixin minn ġo r-residenza tagħha allegatament minn ġo tieqa. Fuq investigazzjoni tal-Pulizija ma rriżulta l-ebda sgass;

ii. **Rapport datat 24 ta' Ġunju 2021** (fol. 155) magħmul mill-attriċi fejn irraportat li l-konvenut kien naqas milli jagħtiha l-manteniment għall-uliedhom kif kien obbligat jagħmel b'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta għax xhur ta' bejn April 2021 u Ġunju 2021;

jj. **Rapport datat 7 t'Ottubru 2020** (fol. 159) magħmul mill-attriċi fejn irraportat illi missier uliedha kien naqas milli jħallas il-manteniment għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2020;

kk. **Rapport datat 26 ta' Novembru 2020** (fol. 161) magħmul minn membru tal-Korp tal-Pulizija li kien aċċeda f'appartament li jappartjeni lill-konvenut biex jġiġ arrestat l-individwu li joqgħod hemm iżda dan ħarab mill-appartament hekk kif rahom bil-kamera;

ll. **Rapport datat 14 ta' April 2021** (fol. 164) magħmul minn terza persuna fejn irraporta tnejn min-nies li kienu qiegħdin ħadulu ammonti eċċessivi ta' flus. Huwa identifika numru ta' nies li kienu jgħinuhom f'din l-iskema fosthom il-konvenut li meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ammetta l-akkużi;

mm. **Rapport datat 16 t'April 2021** (fol. 168) maghmul minn terza persuna li kien jiġġestixxi bar fejn irraporta li kien tħallas b'ċekk li wara rriżulta li kien misruq. Minn stħarriġ irriżulta li l-individwi li kienu ħalsu b'dan iċ-ċekk kienu l-konvenut u s-sieħba tiegħu McAnally;

nn. **Rapport datat 19 ta' Novembru 2020** (fol. 172) magħmul mill-attriċi fejn irrapurtat illi kienet ħadet lit-tfal tagħhom

2. <u>*Ix-xhieda ta' Dr Alexia Aquilina in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunal*</u> li ngħatat waqt is-seduta tas-7 t'Ottubru 2021 (fol. 238) fejn eżebixxiet kopja tal-kawżi u tal-atti fil-konfront tal-konvenut. Minn din il-lista (fol. 205) jidher illi l-attriċi intavolat il-proċeduri ta' medjazzjoni tlett (3) darbiet fi snin sussegwenti iżda kienet biss fis-sena 2020 li segwiet il-medjazzjoni bil-proċeduri odjerni.

3. <u>*Ix-xhieda ta' Ms Doris Fenech fl-irwol ta' Aġent Reġistratur Qrati Kriminali*</u> li ngħatat waqt is-seduta tas-7 t'Ottubru 2021 (fol. 240) fejn eżebixxiet tlett sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront tal-konvenut u ċioe kif isegwi:

    a. **Sentenza mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2014 wara li ġie akkużat li kien ikkometta serq ta' flus permezz ta' *credit card* permezz ta' diversi transazzjonijiet minn ATMs. Il-konvenut kien ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. Il-Qorti qeghdet lill-intimat taht ordni ta' *probation* għal perjodu ta' sentejn;**
    b. **Sentenza mogħtija nhar it-18 ta' Jannar 2016 wara li saret denunzja mill-**

---

għat-taħriġ tal-futbol u x'ħin iċċaqalqet għal ftit minuti biex marret sat-*toilets* sabet lill-konvenut jgħannaq lill-minuri wara li kien ilu ma jarahom għal sena u ħames xhur;

oo. **Rapport datat 7 t'April 2021** (fol. 175) magħmul mill-attriċi fejn irrapurtat li missier uliedha kien naqas milli jħallas manteniment kif ordnat minn din il-Qorti diversament preseduta ghax-xhur ta' Frar 2021 u Marzu 2021. Minkejja li l-Pulizija ttentaw jagħmlu kuntatt mal-konvenut, ma rnexxilhomx;

pp. **Rapport datat 2 ta' Jannar 2014** (fol. 178) magħmul mill-intimat innifsu fejn irraporta li kien fil-garaxx meta xi ħadd qabdu minn għonqu minn wara. Madanakollu hu ma kienx irnexxilu jidentifika lill-aggressur;

qq. **Rapport datat 28 ta' Diċembru 2013** (fol. 180) magħmul mill-intimat innifsu fejn irraporta li kien ħalla somma ta' flus kontanti fuq il-mejda tla-ikel qabel ħareġ mir-residenza tiegħu iżda meta rritorna ma sabix. Kien anke nnota biċċa *tape* mas-sallatura tal-bieb tal-komun u kellu l-gwadarobba miftuħa. Meta l-Puliziaj aċċedew fir-residenza, ma sabu l-ebda sgass;

rr. **Rapport datat 20 ta' Novembru 2009** (fol. 184) magħmul minn membru tal-Korp tal-Pulizija wara li l-istess Pulizija kienu ġew infurmati li kien hemm vettura ġewwa San Pawl il-Baħar li kienet qed taqbad. L-uniku xhud kien il-konvenut li fil-ħin meta kien beda n-nhar kien qiegħed jara *DVD*. Huwa ma kien ra lil ħadd ħdejn il-vettura iżda kien jaf li dik il-vettura kienet ilha fl-istess post għat-tlett ijiem preċedenti;

ss. **Rapport datat 3 ta' Novembru 2018** (fol. 188) magħmul minn żewġ membri fis-servizz pubbliku li kienu taw ċitazzjoni lill-konvenut iżda dan kien aggressive fil-konfront tagħhom u anke imbotta lil wieħed minnhom għal ġo nofs it-triq. Madanakollu l-konvenut kien ġie liberat minn dawn l-akkużi;

tt. **Rapport datat 22 ta' Awwissu 2010** (fol. 191) magħmul minn terza persuna kontra l-konvenut fejn irraportat li kienet miexja fuq il-bankina meta l-konvenut tela' bir-rota tal-vann fuq il-bankina, waqaf ħdejha u insulentaha;

uu. **Rapport datat 22 t'Awwissu 2010** (fol. 194) magħmul minn terza persuna kontra l-konvenut fejn irraporta kien qiegħed barra ħanut ġewwa San Pawl il-Baħar, waqaf bil-vann il-konvenut u insulentah. Meta ġie mitkellem mill-Pulzija, il-konvenut ammetta iżda stqarr li anke l-kwerelant kien insulentah lura;

***probation officer*** **allokata lill-konvenut stante li l-konvenut kien naqas milli jżomm ruħu f'kuntatt u għalhekk il-konvenut ġie kkundannat għal sitt (6) xhur priġunerija;**

c. **Sentenza mogħtija nhar il-11 ta' Novembru 2016 wara li l-konvenut kien ġie akkużat li kien ikkometta serq minn ħanut tal-ikel. Il-konvenut kien ammetta l-imputazzjoni miġjuba kontrih. Il-Qorti kkundannat lill-konvenut gġal tnax (12)-il xahar priġunerija sospiżi għal perjodu ta' tlett (3) snin kif ukoll poġġiet lill-konvenut taħt ordni ta' superviżjoni għal perjodu ta' tlett (3) snin u taħt Ordni ta' Trattament ukoll għal perjodu ta' tlett (3) snin.;**

4. <u>*Ix-xhieda ta' Neil Baldacchino in rappreżentanza tal- BNF Bank p.l.c.*</u> li ngħatat waqt is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tat-8 ta' Novembru 2021 (fol. 498) liema xhud kkonferma li ħadd mill-partijiet ma kellu relazzjoni bankarja mal-bank rappreżentat.

5. <u>*Ix-xhieda ta' Gabriella Marmara in rappreżentanza tal-APS Bank p.l.c.*</u> li ngħatat waqt is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tat-8 ta' Novembru 2021 (fol. 500) liema xhud kkonfermat li ħadd mill-partijiet ma kellu relazzjoni bankarja mal-bank rappreżentat.

6. <u>*Ix-xhieda ta' Dr Christopher Spiteri in rappreżentanza tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta – Direttorat għat-Trasport ta' l-Art.*</u> li ngħatat waqt is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tat-8 ta' Novembru 2021 (fol. 502) liema xhud eżebixxa dokument li juri li fid-data tas-seduta l-konvenut kellu vettura waħda reġistrata fuq ismu (fol. 259) kif ukoll eżebixxa lista tal-vetturi li kienu f'xi żmien reġistrati fuq isem il-konvenut (fol. 262). Bl-istess mod, l-attriċi kellha vettura waħda reġistrata fuq isimha dakinhar tas-seduta (fol. 281) .

7. <u>*Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza tal- Bank of Valletta p.l.c.*</u> li ngħatat waqt is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tat-8 ta' Novembru 2021 (fol. 505) liema xhud eżebixxiet rendikont tal-kontijiet bankarji intestati f'isem l-attriċi. Fil-kont tat-tfaddil (fol. 284 et seq.) jidhru numru ta' depożiti f'ammonti diversi mingħajr ma tidher il-provvenjenza ta' tali ammonti iżda l-maġġoranza tagħhom juru li saru permezz tad-depożitu ta' ċekkijiet.

F'dan il-kont jidhru li kienu jsiru l-pagamenti tal-benefiċċji soċjali li l-attriċi kienet

intitolatha għalihom.

F'Jannar 2017 jidher l-ewwel pagament ta' salarju lill-attriċi fl-ammont ta' tmien mija tnejn u tletin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€832.43). Dawn il-pagamenti baqgħu jidhlu b'mod regolari kull xahar. Dan l-introjtu jidher li kien jintefaq mill-attriċi kemm permezz ta' transazzjonijiet fil-ħwienet kif ukoll bi ġbid minn ATMs u għalhekk il-bilanċ f'dan il-kont dejjem baqa' wieħed minimu. Minn Jannar 2020 reġgħu bdew isiru depożiti ta' flus kontanti mill-attriċi minflok id-depożiti ta' salarju.

8. *Ix-xhieda ta' Lorraine Attard in rappreżentanza tal- HSBC Bank Malta p.l.c.* li ngħatat waqt is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tat-8 ta' Novembru 2021 (fol. 507) liema xhud ddikjarat illi ma kienx hemm kontijiet bankarji ntestati f'isem l-attriċi. Hija eżebiet rendikont tal-kont bankarju ntestat f'isem il-konvenut (fol. 419 et seq.) Bl-istess mod f'dan il-kont jidhru diversi depożiti kemm ta' flus kontanti kif ukoll ta' ċekkijiet. L-ammonti u l-frekwenza jvarjaw. Jidher illi F'Ottubru 2013 kien hemm pagament ta' salarji minimi minn Arriva Malta Limited. Mill-4 t'April 2014 sat-30 t'Awwissu 2011 ma ġiet reġistrata l-ebda transazzjoni ġo dan il-kont bankarju filwaqt li minn Frar 2012 intuża biss sabiex jitħallas l-pagament mensili tat-telefonija tal-konvenut.

9. *Ix-xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza tal- Jobsplus.* li ngħatat waqt is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tal-10 ta' Diċembru 2021 (fol. 509) liema xhud eżebixxa rendikont tal-impjiegi tal-partijiet. Mir-rendikont tal-attriċi (fol. 514) jidher illi l-attriċi kienet taħdem b'mod każwali ġewwa ġelateria minn Mejju 2009 u f'Mejju 2016 hija qalbet għal dan l-impjieg fuq bażi *full-time*. Sussegwentement biddlet għall-impjiegi oħra fejn tidher li kienet taħdem b'mod kontinwu minn impjieg għall-ieħor. Min-naħa l-oħra r-rendikont tal-impjieg tal-konvenut (fol. 515) juri illi fi żmien il-konvenut kien jaħdem żewġ impjiegi, wieħed fuq bażi *full-time* u l-ieħor fuq bażi *part-time*, speċifikament minn Lulju 2011 sa Ottubru 2011. Min-naħa l-oħra kien hemm xhur li ma kellux impjieg speċifikament bejn Lulju u Ottubru 2012, bejn Novembru 2012 u Marzu 2013, bejn April u Settembru 2013, u bejn Jannar u Marzu 2014. Jidher illi l-aħħar darba li l-konvenut kien impjegat kien f'Mejju 2014.

10. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad- Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali* li ngħatat waqt is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tat-10 ta' Diċembru 2021 (fol. 511) li permezz tagħha x-xhud eżebixxa rendikont tal-benefiċċji li ħadu ml-partijiet. Dok

ST1 (fol. 517) juri l-ammonti allokati f'benefiċċji soċjali lill-attriċi liema benefiċċji jirrelataw ma' għajnuna ma' bidu ta' impjieg, benefiċċju tal-mard fis-snin 2018 u 2019 u benefiċċju relatat mat-tfal kull sena. Dok ST2 (fol. 518) juri li f'April u f'Mejju 2017, il-konvenut ġie mgħejjun permezz ta' assistenza mogħtija lil persuni dipendenti mid-droga.

11. L-affidavit ta' Filippa Bottari ossia omm l-attriċi, debitament maħluf nhar it-2 ta' Mejju 2022 (fol. 523) li permezz tiegħu x-xhud ddikjarat illi fil-bidu l-partijiet kellhom relazzjoni tajba. L-attriċi kienet inqabdet tqila wara xi sena u nofs u mill-ewwel kienet ta' sostenn għaliha. Waqt it-tqala bdew jaraw lill-konvenut jinbidel mal-attriċi. Saħansitra darba kellhom argument bejniethom u kien mar sab lix-xhud fuq ix-xogħol tagħha biex tkellem hi lill-attriċi għax skont hu jew kien ser jerġa' jirranġa magħha jew kien sejjer jaqbeż. Ix-xhud ma kienet qaltilha xejn lill-attriċi peress li kienet tqila iżda ftit wara l-partijiet kienu reġgħu rranġaw.

Wara li kellhom lill-ewwel wild, bint ix-xhud kienet marret tirrisjedi mal-konvenut fir-residenza t'ommu iżda ta' sikwit kien ikollu xi jgħid u wara ftit tax-xhur reġgħet irritornat fir-residenza tal-ġenituri tagħha bit-tifel.

Meta l-attriċi kienet tqila bit-tieni wild tagħhom kien hemm darba meta l-konvenut kien mar jiġbor lit-tifel il-kbir tagħhom b'riħa qawwija ta' xorb tant li lanqas felaħ jitkellem sew. Ix-xhud ġabitlu skuża li ma kellux *car seat* u l-konvenut aċċetta li jwasslu lit-tifel huma għand ommu.

Tiftakar li f'Ottubru 2013, il-konvenut kien ġabar lit-tifel il-kbir tal-partijiet u ħadu miegħu fil-vann. It-tifel kien weġġa' u l-konvenut kien qal lill-attriċi li kienet ix-xhud li kienet weġġħet lit-tifel mentri t-tifel kien fil-kura tiegħu. Wara t-tifel stess kien qalilhom li ma kellux ċinturin tas-sigurta' u għalhekk kien waqa' fil-vann u weġġa' dahru.

**Meta t-tifel ZC beda jikber, kien jgħidilha bl-affarijiet li kien jara waqt l-aċċess bħal li kien ra lil missieru jgħolli l-mejda u jwaddaba fid-direzzjoni ta' missier il-konvenut. Darb'oħra kien qalilha li missieru kien beda jgħajjat ma'** ***warden*** **minħabba fejn kien ipparkja l-vettura tiegħu.**

F'Diċembru 2016 ix-xhud kienet akkumpanjat lill-attriċi biex tiġbor lit-tfal mir-residenza tal-konvenut iżda kienet baqgħet fil-karozza. L-attriċi kienet daħlet mgħaġġla fil-karozza

u baqgħu sejrin l-għassa tal-pulizija fejn kien sar rapport li kien inqala' argument fuq par kalzetti u fuq li t-tfal kienu bil-ġuħ waqt il-ħin tal-aċċess u **l-konvenut kien refgħa jdejh fuqha tant li kellu jżommu missieru**.

Ix-xhud xehdet li kien hemm ġurnata li omm il-konvenut kienet ċemplitilha biex tmur twassal lit-tfal l-iskola għaliex missierhom kien għadu rieqed. Xehdet ukoll li fi żmien il-Milied 2018, il-minuri ZC kien għamel xi ġranet ma' missieru. **Huwa kien qalilha li kien hemm ħin li kien qiegħed jara t-televixin flimkien ma' tifla filwaqt li missieru kien ma' omm din it-tifla f'kamra oħra. Huma bdew jisimgħu bħal qrid u għajjat. Il-minuri BC kien irrakuntalha kif missieru kellu l-*cameras* kullimkien fid-dar u li kien joħroġ *injection* mill-but. Iż-żewġ minuri kienu jirrakuntaw li missierhom kien ikun aggresssiv kemm m'ommu kif ukoll ma' missieru**.

Wara dan l-iżvelar, l-attriċi kienet iddeċidiet li ma tieħux aktar lit-tfal għand il-konvenut anke peress li f'Marzu 2019 kien daħal il-ħabs għal perjodu twil. Il-missier kien għamel talba lil Qorti biex jibda jara lit-tfal u l-attriċi kienet inkwetata ferm iżda ġara li fiż-żmien tar-risposta huwa **kien ġie rikoverat l-isptar wara *overdose***.

Minħabba li l-minuri beda juri mġieba diffiċli, l-attriċi bdiet tieħdu għal terapija privata. **Huwa beda jgħidilhom illi missieru kien jagħmel sew ikun aggressiv għax hekk kien jieħu li jrid u beda anke jagħti lill-ommu meta din kienet tipprova tiddixiplinah.** Ix-xhud xehdet li l-attriċi ilha żmien tistinka u taħdem biex ma tħallix lit-tfal neqsin minn xejn iżda xorta kien hemm drabi li kellhom jgħinuha huma finanzjarjament.

Il-Qorti rat illi l-Assistent Ġudizzjarju Dr Mandy Carabott kienet iffissat erba' (4) seduti għal provi tal-konvenut u ċjoe nhar it-22 ta' Ġunju 2022 (fol. 531), nhar it-28 ta' Settembru 2022 (fol. 532) nhar il-15 ta' Novembru 2022 (fol. 534), nhar id-9 ta' Jannar 2023 (fol. 537) **iżda l-konvenut jew il-konsulent legali tiegħu ma dehru għall-ebda minn dawn is-seduti**.

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mressqa Minnu*

Il-konvenut xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Frar 2023 (fol. 540 et

seq.) fejn iddikjara li kien iltaqa' mal-attriċi fl-2020 ġewwa diskoteka u kellhom relazzjoni. Meta twieled l-ewwel minuri tagħhom kienu bdew jirrisjedu flimkien, l-ewwel fir-residenza t'ommu imbagħad imxew għall-appartament li kien jappartjeni lill-ommu. Madanakollu f'Diċembru tal-istess sena l-attriċi ddeċidiet li titlaq, madwar xahar wara kienet ħarġet tqila bit-tieni wild tagħhom. Jgħid illi kien jarahom ta' sikwit lit-tfal peress li l-attriċi kienet tkun xogħol. Fuq domanda ta' din il-Qorti, huwa wieġeb li l-minimu kien ikun ta' tlett (3) ijiem fil-ġimgħa. Meta kien il-ħabs bdiet tħallaslu l-manteniment ommu. Mill-2019 beda jgħaddi l-ammont ta' mitejn euro (€200) fix-xahar lill-attriċi għal bżonnijiet taż-żewġ ulied. Sussegwentement kien ħareġ digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta li kien ordna lill-konvenut iħallas manteniment ta' mitejn u ħamsin euro (€250) u għamel sa April 2020 iħallas dan l-ammont. Jgħid illi kien iċempel kuljum biex jiċċekja fuq it-tfal iżda ma kienx jitlob lill-attriċi teħodhom il-ħabs għax kien jifhem li hemm mhux posthom. Waqt li kien il-ħabs, kien beda jaħdem u kien bagħat rigali lit-tfal fil-Milied u f'għeluq snin il-minuri. Lill-minuri ma kienux qalulhom li kien il-ħabs imma li kien ix-xogħol u l-minuri l-kbir beda jgħodd il-ġranet meta kien ser jerġa' jarah, anke jekk kien fi żmien il-pandemija tal-COVID-19.

Fl-aħħar telefonata li kellu mat-tfal qabel ħareġ mill-ħabs, kien qal lit-tifel li l-Ħadd li kien imiss kien sejjer għalihom u kien ser jeħodhom *MacDonalds.* Dak il-ħin l-attriċi qatgħet il-linja. Meta reġa' ċempel, l-attriċi qaltlu biex jinsihom lit-tfal u li ma kienx ser jarahom iżjed. Fid-data tas-seduta l-konvenut kien qiegħed il-ħabs jistenna li jinstema' l-appell wara li ngħata sentenza oħra ta' priġunerija, liema appell kien ser jisntema' fix-xahar sussegwenti.

Il-konvenut xehed kif ommu kienet staqsiet lill-attriċi jekk ibnu ż-żgħir kienx ser jagħmel il-preċett u l-attriċi kienet weġbitha li ma kienux ser jagħmlu preċetti minħabba l-COVID-19. Ftit tal-ġimgħat wara, l-attriċi tellgħet ritratt tal-minuri fuq is-sit tal-*Facebook* li kien għamel il-preċett. Jgħid illi fid-data tas-seduta ma kienet taslilhom l-ebda informazzjoni fuq it-tfal, ma kienu jafu xejn x'kien qed jiġri f'ħajjithom.

Il-konvenut xehed illi issa kien qabad triq tajba f'ħajtu u kien determinat li jibqa' għaddej fiha. Kien qed imur għal sessjonijiet ta' terapija mal-psikjatra Dr Mark Xuereb fejn kien jagħmel *magnetic brain waves* sabiex ma jibqax daqhsekk dipendenti fuq il-vizzji. Madanakollu kienet ġiet revokata l-liberta' proviżorja tal-konvenut u kien reġgħa daħal il-ħabs. Hawn kien tkellem ma' *care plan coordinator,* Ms Rebecca Bonnici, u kien attenda għal sessjonijiet ta' edukazzjoni psikoloġika fi gruppi. Beda jaħdem ġewwa l-form tal-ħabs

u baqa' għaddej bis-sessjonijiet ma' psikologa. Kien qed jistenna jekk kienx ser jingħata sentenza sabiex jara jekk jibdix programm residenzjali.

Xehed illi meta l-attriċi kienet qaltlu biex jinsa lit-tfal tant kien irrabja li ma baqax iħallas il-manteniment madanakollu f'Novembru 2022 huwa kien għadda l-ammonti dovuti ta' sena u kien ser jerġa' jgħaddilha ammont kumulattiv f'Marzu 2023.

Il-konvenut reġa' xehed fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2023 fejn informa lil din il-Qorti illi l-Qorti li kienet ser tisma' l-proċeduri penali kontrih kienet il-Qorti bil-kompetenza li tisma; proċeduri li jinvolvu d-droga magħrufa aħjar bħala *Drug Court*. Minn dak iż-żmien xorta baqa' għaddej b'sessjonijiet mal-psikologa Sarah Debattista anke jekk b'mod privat. Fid-data tas-seduta huwa kien qed jipprova jieħu lura l-ġestjoni ta' forn li kien tal-familja tiegħu.

Il-konvenut xehed in kontroeżami fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2024 fejn iddikjara li kien reġa' lura l-ħabs minħabba ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja. **Xehed illi fuq għażla tiegħu ma kienx beda programm rijabilitattiv kontra d-droga iżda meta kien barra mill-ħabs kien baqa' jiġi segwit minn *probation officer* u l-psikologa fi ħdan il-Caritas**. Ikkonferma li kellu arretrati ta' manteniment dovuti iżda semma' li kien ilu ma jara lill-uliedu għal ħames (5) snin. Jixhed illi meta kien għaddej bil-problema tad-droga, ommu kienet kemm-il darba tidħol għalih u tħallas hi għal bżonnijiet ta' uliedu. Kien ilu x-xhur ma jħallas manteniment iżda kien qed jippjana li jħallas l-arretrati f'Novembru meta kellhom jerġgħu jidhru quddiem il-Qorti kompetenti.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat illi fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2022 ordnat li l-minuri ZC Cachia jingħata għajnuna terapewtika mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal. Rat illi d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal intavola rapport li ġie mgħoddi lill-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023.

Il-Qorti rat illi fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023 il-kura u kustodja tat-tfal tal-partijiet ġiet fdata esklusivament f'idejn l-attriċi u dan *pendente lite* b'dan li l-attriċi ġiet awtorizzatha tieħu deċiżjonijiet ordinarji u straordinarji dwar is-saħħa u edukazzjoni tat-tfal waħidha u mingħajr il-firma, kunsens jew presenza tal-intimat.

Il-Qorti reggħet rat in-nota tal-ħaddiem soċjali Bradley Desira ntavolata nhar it-23 ta' Frar 2023 fejn il-ħaddiem soċjali kien tkellem mal-konvenut, mal-attriċi, mat-tfal tal-partijiet kif ukoll ma' professjonisti oħra. Fid-dawl ta' dan huwa rrakomanda li għandu jibda aċċess permezz ta' telefonata fil-ġimgħa għal sitt (6) xhur u dan wara li l-konvenut jlesti b'suċċess programm ta' riabilitazzjoni mid-droga anke kif kienu esprimew li jixtiequ l-minuri stess. Jekk wara dawn is-sitt xhur l-aċċess ikun wieħed pożittiv, il-modalita' tal-aċċess għandha tiġi mibdula. Ir-rakkomandazzjonijiet saru wkoll fid-dawl illi l-minuri kienu ilhom ma jaraw lill-missierhom għal aktar minn erba' (4) snin fid-data tar-rapport.

**3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:**

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [2] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[3] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sewIl-0j fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa***

[2] Enfazi tal-Qorti.
[3] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

***vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[4]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[5] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[6]

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[7] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn***

[4] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta' Dicembru 1858.
[5] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[6] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'*[8]**

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[9]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".*[10]**

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

---

[8] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[9] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[10] Enfazi tal-Qorti.

***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[11] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

**Ikkonsidrat:**

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficcju taht trust.***

[11] Enfazi tal-Qorti.

L-Artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

***(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.***

***(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:***

***(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew***

***(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.***

Il-Qorti rat ukoll artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa l-artikolu relevanti għad-dekadenza mill-manteniment, li huwa marbut mad-dikjarazzjoni ta' ħtija f'kawża ta' separazzjoni personali:

***(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u827;***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

***(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu(ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel mas-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku***

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Din hija talba maghmula mill-attriċi sabiex din il-Qorti tiżvesta lill-konvenut mis-setgħa tal-ġenitur, tgħaddi sabiex takkordalha l-kura u kustodja esklussiva ta' ulied il-partijiet, tiffissa aċċess u manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut għall-bżonnijiet tal-istess minuri.

Mill-provi quddiemha, din il-Qorti tqis li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tkissret minħabba aġir vjolenti tal-konvenut. Ġie ampjament ippruvat li l-konvenut missier qabad ċiklu ta' vizzji li mhux faċli toħroġ minnu. Ibda mill-problema akuta tad-droga li għandu l-konvenut li ftit jidher determinat li jegħleb. Dan qiegħed jingħad għaliex meta xehed in eżami l-konvenut wera l-intenzjoni li jidħol programm rijabilitattiv hekk jekk jingħata sentenza ta' priġunerija. Meta xehed in kontroeżami, il-konvenut kien reġa' lura fil-ħabs minħabba ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja **iżda fuq għażla tiegħu kien għadu ma bedix u lanqas esprima li kien għad kellu l-intenzjoni li jibda programm rijabilitattic kontra d-droga u għalhekk il-Qorti ma tarax li l-konvenut verament ghandu ix-xewqa u rieda li jeghleb il-vizzju tieghu**.

Apparti mill-problema akuta ta' droga, u probabli b'konsegwenza tal-istess, il-konvenut għandu wkoll problema kbira ta' temperament u aggressivita'. Dan mhux biss lejn l-attriċi fejn għalih qed iċaħdu minn uliedu, iżda anke kontra l-ġenituri tiegħu minkejja li baqgħu jagħtuh appoġġ u jżommuh f'darhom u lejn terzi ndividwi li ma jaqbilx magħhom kif ukoll lejn uffiċjali pubbliċi fil-qadi ta' dmirhom li pprovaw irrazznu l-għemil ħażin tiegħu. Minflok il-konvenut gharaf il-htija tieghu, oppure li kiser il-liġi, huwa f'diversi istanzi ħadha kontra l-Awtoritajiet b'mof specjali l-Pulizija fejn insulentahom, imbuttahom u anke pperikolalhom saħħithom.

Inoltre l-kriminalita' li daħal fiha l-konvenut tmur 'l hinn'hinn mill-problema tad-droga u s-soliti reati assoċjati magħha bħas-serq li kemm-il darba kkommetta. Il-konvenut jinsab akkużat b'akkużi serji ta' frodi, li ffalsifika dokumenti finanzjarji jew xjentement għamel użu minn tali dokument. Biex żgur jagħmel l-affarijiet agħar, il-konvenut serva sentenza ta' ħabs fil-passat minħabba denunzja mill-*probation officer* u fis-sena kurrenti daħal il-ħabs wara li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja li kien ingħata. Għalhekk ġie ampjament ippruvat illi l-konvenut għandu problema kbira bl-attitudni tiegħu, ma jbaxxix rasu għall-awtoritajiet anzi jħossu 'l fuq mil-liġi. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti ma tqis li t-tfal tal-partijiet ghandhom jiġu esposti għal missierhom fil-preżent u dan minħabba li bl-ebda mod ma wera li jista' jikkontribwixxi b'mod pożittiv f'ħajjet uliedu. Il-konvenut xehed li kien qabad triq tajba u kellu l-intenzjoni li jibqa' għaddej fiha iżda ftit tal-ġimgħat wara l-istess testimonjanza ngħata l-liberta' proviżorja u wara ftit kiser l-kundizzjonijiet mposti. M'hemm xejn li jindika li l-konvenut verament jixtieq jibdel ħajtu. Dan l-atteġjament ħareġ ukoll b'mod ċar fl-attitudni tal-konvenut li ma jonorax l-obbligi finanzjarji tieghu lejn uliedu u ma jinkeddx kemm-il darba ghandhomx il-htigijiet bazilari tal-hajja.

**Il-Qorti tqis li mhux fl-interess tat-tfal minuri, ZC u BC li tesponi lill-minuri għall-konvenut stante li jkunu f'riskju li jaddottaw l-istess attitudni u mġieba tiegħu. Diġa' ħareġ mix-xhieda mhux kontradetti tal-attriċi u ta' ommha illi l-minuri ġabu ruħħhom b'mod mhux xieraq l-iskola u li wieħed mill-minuri għolla l-mejda meta ġie ddixxiplinat u għamel referenza għall-imġieba ta' missieru għax f'għajnejh din l-imġieba kienet twassal lill-missieru biex jieħu dak li ried.**

Għalhekk il-Qorti tqis illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi b'dan li tawtorizzaha tieħu kwalsiasi deċiżjoni kemm ordinarja kif ukoll straordinarja waħedha mingħajr il-kunsens, firma jew presenza tal-konvenut. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tordna li l-aċċess tal-konvenut lit-tfal jibqa' sospiż salkemm il-konvenut verament jirriforma ruħu, jkun ilu jiġi segwit minn professjonisti li jattestaw għal tali kambjament fl-imġieba u l-attitudni tal-konvenut, kemm ġewwa kif ukoll barra mill-ħabs.

Inoltre, kemm-il darba l-konvenut jirnexxilu jasal f'dak il-punt, u din il-Qorti tispera li jagħmel hekk għaliex temmen li l-minuri għandhom jibbenifikaw mill-preżenza ta' missierhom f'ħajjithom, ghandu jerga' jsir ezami sabiex jigi evalwat jekk l-access ikunx fl-aħjar interess tal-ulied minuri.

Fir-rigward tal-manteniment, din il-Qorti rat illi dan huwa l-uniku kontribut li l-missier qiegħed jivversa lejn it-trobbija ta' uliedu. Il-konvenut xehed illi huwa jaħdem ġewwa l-forn tal-ħabs meta jkun qiegħed jiskonta sentenza jew qiegħed il-ħabs taħt arrest preventiv. *Di piu'* huwa xehed illi ladarba joħroġ mill-ħabs huwa kellu l-pjan li jerġa' jieħu f'idejh forn li kellhom fil-familja liema forn kien inkera meta ma kien hemm ħadd fil-familja interessat fih iżda din il-kirja kienet ġiet terminata mill-konvenut meta ħareġ mill-ħabs. Għalhekk din il-Qorti temmen li l-konvenut għandu l-mezzi sabiex jgħaddi manteniment għall-uliedu, anke tenut kont li diġa' jaf li ser iħallas l-arretrati tal-manteniment f'somma globali meta jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati f'Novembru 2024. Din il-Qorti ma tqis l-ammont li qiegħed iħallas il-konvenut bħala li jkopri l-bżonnijiet tal-minuri tenut kont anke tal-fatt li tali ammont jinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Ma nġiebet l-ebda prova tal-introjtu tal-konvenut mill-forn tal-ħabs u lanqas prospett ġuramentat tal-ispejjeż tal-minuri u għalhekk din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas il-manteniment biex jissalvagwardja l-ghixien dicenti tal-minuri u cioe' mitejn Ewro (200) kull xahar ghall kull wild. Illi l-konvenut jibda jħallas l-ammont ta' erba' mitt euro (€400) fix-xahar għal bżonnijiet kollha **taż-żewġ minuri inkluż sehemu mill-ispejjeż tagħhom relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extrakurrikulari.**

**DEĊIDE:**

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiċħad l-ewwel talba attriċi.**

2. **Tilqa' t-tieni talba attriċi tafda l-kura u kustodja tal-minuri ZC u BC aħwa C esklussivament f'idejn l-attriċi li minn issa hija awtorizzata tieħu kwalsiasi deċiżjoni kemm ordinarja kif ukoll straordinarja waħedha mingħajr il-kunsens, firma jew presenza tal-konvenut;**

3. **Tawtorizza lill-attrici tiehu d-decizjonijiet kollha rigward sahha, edukazzjoni, safar u hrug u tigdid ta' passaporti tal-minuri ZC u BC ahwa C, minghajr il-kunsens, firma jew prezenza tal-konvenut;**

4. **Tilqa' r-raba' talba u tordna li r-residenza primarja tal-minuri ulied il-partijiet għandha tibqa' dik tal-attriċi Omm u li d-domiċilju tal-minuri ulied il-partijiet jibqa' dak f'Malta jew skont fejn tkun l-attriċi omm sakemm dawn jilħqu l-eta' maġġorenni;**

5. **Tilqa' l-ħames talba attriċi u tordna li l-aċċess tal-konvenut għall-minuri ulied il-partijiet jibqa' sospiż sakemm ma javveraw ruħhom il-kundizzjonijiet stabbiliti minn din il-Qorti aktar 'il fuq f'din is-sentenza;**

6. **Tilqa' s-sitt talba, tiffissa u tillikwida ammont ta' manteniment għall-minuri ulied il-partijiet fl-ammont ta' erba' mitt euro (€400) fix-xahar ghaz-zewg minuri li jinkludu s-sehem tal-intimat mill-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extrakurrikulari, liema manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jew l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena kemm-il darba jibqgħu jistudja fuq bażi *full-time*. Dan il-manteniment għandu jitħallas mill-konvenut fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar. Dan il-manteniment ghandu joghla kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Tordna li l-attriċi tibqa' tipperċepixxi kwalunkwe benefiċċji soċjali relatati mal-ulied tal-partijiet fl-intier tagħhom;**

7. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba stante dak provdut fis-sitt decide;**

8. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba in vista tal-proceduri kriminali pendenti li hemm quddiem il-Qrati tal-Magistrati;**

**L-eccezzjonijiet tal-intimat u t-talbiet tal-intimat fil-kontro-talba u l-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-kontro-talba tal-intimat qed jigu michuda jew milquha kif fuq indikat.**

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**